MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2006

Numru 806/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Atef Boulos**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni mijiba kontra **Atef Boulos** ta' 41 sena, bin Albert u Noline *nee'* Basil, imwieled Egittu, fil-21 ta' Lulju, 1963, residenti 'Saviour', Triq il-Kus, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' numru 5295M;

Talli fil-25 ta' Settembru, 2003, u f'dati precedenti fil-Qawra u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, iffalsifikajt jew biddilt, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew

sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentement ghamilt uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bejgh tal-merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, bejgh jew zammejt ghandek ghal bejgh jew importajt ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' basktijiet a accessori tad-ditta Louis Vuitton foloz u dan bi ksur tal-artikolu 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampajt, immanifatturajt, idduplikajt jew mod iehor irriproducejt, jew ikkopjajt jew bieghejt, qassamt jew mod iehor offrejti ghall-bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta u dan bi ksur tal-artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta;

Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampajt, immanifatturajt, idduplikajt jew mod iehor irriproducejt, jew ikkopjajt jew bieghejt, qassamt jew mod iehor offrejt ghall-bejgh jew biex jitqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenzja, jew bhala parti minn attivita' koperta b'tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tad-drittijiet li johorgu mill-jeddijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta u dab bi ksur tal-Avviz Legali 120 tal-1992.

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370 (4) Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu wara li fil-hanut

tieghu instabu 58 basket u 33 wallet bil-marka Louis Vuitton, liema oggetti allegatament kienu foloz. Dawn kienu ghadhom ippakjati f’kaxxa ghaliex l-imputat kien importhom dakinhar stess. Uhud minn dawn l-oggetti kienu esposti ghal bejgh.

Il-prosekuzzjoni esebiti il-kwerela relattiva minghand il-proprjetarji tat-Trademark kif ukoll estratti mir-registru tal-Ufficcju tal-Proprejta’ Industrijali li juru li l-marka Louis Vuitton tappartjeni lil Louis Vuitton Malletier ta’ 54, Avenue Montaigne 75008 Paris, France. Il-prosekuzzjoni esebiet ukoll opinjoni ta’ espert *ex parte* li l-oggetti de quo huma foloz skond diversi karrateristici. Dwar dan kien nominat espert tal-Qorti li wara li ezamina l-oggetti ikkonstata li hemm diversi elementi fihom li ma jirrispekkjawx l-original. In succint, l-espert elenka numru kbir ta’ nuqqasijiet meta paragunati ma’ l-istess oggett awtentiku.

Fi stqarrija tieghu, l-imputat kien ikkonferma illi dawn l-oggetti kien importhom hu mill-Egittu fejn huma manifatturati oggetti ta’ diversi marki. Dawn jistghu jinxtraw b’mod liberu izda min jixtrihom ghall-skop ta’ bejgh huwa mheggeg biex jghid lill-konsumatur illi l-oggett mhux originali.

Inoltre, l-prosekuzzjoni ressqet bhal xhud lill-ufficjal mit-Trade Licensing Unit li qal li l-imputat ma ghandu l-ebda licenzja biex jaghmel xi negozju f’Malta. Din il-prova ma kienitx mehtiega la darba ma hemm l-ebda akkuza f’dan ir-rigward kontra l-imputat;

Ikkunsidrat:

Illi l-oggetti jirrizultaw manifestament kontrafatti. Dawn zgur mhumiex originali ghar-ragunijiet kif elenkati mil-espert tal-Qorti. Di piu, l-imputat kien jaf, kif stqarr hu stess waqt l-interogazzjoni mill-Pulizija, illi dawn l-oggetti kienu foloz u xtrahom bl-iskop li jerga jinnegozhom hawn Malta. Ghalhekk l-elementi kollha tar-rejat kif ravvizati fl-artikolu 298 (1) tal-Kap 9 huwa pruvati fil-grad li trid il-ligi. L-istess ma jistax jinghad, izda, dwar it-tieni u tielet rejat addebitati lill-impuat ghaliex dawn si tratt ta’ ksur ta’

drittijiet tal-awtur u ma ngiebet l-ebda prova li in effett kien hemm ksur ta’ dritt ta’ awtur bl-eghmil tal-imputat.

Ghal dawn il-mottivi, ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza filwaqt illi ma ssibux hati tat-tieni u t-tielet akkuza u qed tilliberah minnhom;

Wara li rat l-aritkolu 298 (1) (a), (b), (c) u (f) tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali nadifa tal-imputat, eccetto ghall-kommissjoni ta’ kontravenzjoni fl-1999, qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446. Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

Tordna l-konfiska u distruzzjoni tal-oggetti esebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------